# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 40**

**Rikors numru 637/21/1 FDP**

**Charles Paul Muscat**

**v.**

**Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-konvenuti mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' April, 2024.

2. Il-fatti tal-kawża ġew spjegati hekk mill-Ewwel Qorti:

*"18. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent Charles Paul Muscat kien tressaq fid-29 ta' Jannar 2011 akkużat talli jmexxi u jittraffika fid-droga kannabis (resin).*

*19. Jirriżulta illi bħala prova li riedet tinġieb il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi minnhom miġjuba, kien hemm ix-xhieda ta' Marlon Apap u Godfrey Bartolo, illi kienu wkoll akkużati ta' taffikar tad-droga kannabis (resin) kontemporanjament mar-rikorrent.*

*20. Jirriżulta illi, fi stadju ta' kumpilazzjoni, kemm Marlon Apap kif ukoll Godfrey Bartolo għażlu li ma jixhdux, kif kellhom kull dritt illi jagħmlu, stante illi kien hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom w ix-xhieda tagħhom setgħet tinkriminahom b'xi mod.*

*21. Jirriżulta illi, fl-10 ta' Settembru 2015, l-akkużat intavola rikors sabiex il-Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni in vista tal-fatt illi l-kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu ma kinetx qiegħda titkompla sakemm jixhdu Marlon Apap u Godfrey Bartolo.*

*22. Jirriżulta illi, fid-29 ta' Settembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja ħeġġet lill-Prosekuzzjoni sabiex tgħaddi għall-pass li jmiss fi żmien raġjonevoli.*

*23. Jirriżulta illi, fis-16 ta' Novembru 2015, inħarġet l-Att ta' Akkuża Nru 17/2015 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' fejn ir-rikorrenti ġie akkużat:*

> *" … talli f'dawn il-Gżejjer, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u/jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina droga oħra f'Malta (resina tal-cannabis) bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;*
>
> *Jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm …"*

*24. Jirriżulta illi r-rikorrent ressaq eċċezzjonijiet fl-1 ta' Diċembru 2015 li ġew miċħuda fis-6 ta' Lulju 2016, minn liema deċiżjoni huwa appella fit-8 ta' Lulju 2016 u tali appell ġie lilu miċħud fit-13 ta' Ottubru 2016.*

*25. Rat illi sussegwentement, il-ġuri tar-rikorrent ġie skedat, bi qbil bejn il-partijiet, għas-6 ta' Novembru 2017.*

*26. Jirriżulta, iżda, illi fis-7 ta' Marzu 2017, l-Avukat Ġenerali talab illi l-kawża tiġi differita għal data oħra sakemm jiġu deċiżi finalment il-proċeduri fil-konfront ta' Godfrey Bartolo u Marlon Apap, liema talba ġiet milqugħa fit-8 ta' Marzu 2017.*

*27. Rat illi r-rikorrenti sussegwentement appella minn tali deċiżjoni, liema deċiżjoni iżda ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Marzu 2017.*

*28. Jirriżulta illi fis-27 ta' Frar 2023, il-proċeduri kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Marlon Apap**' ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali, minn liema deċiżjoni ma kienx hemm appell, fejn l-istess Marlon Apap instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' sentejn u sitt xhur, kif ukoll multa ta' €2,500.*

*29. Jirriżulta illi fl-1 ta' Frar 2021, il-proċeduri kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo**' fuq ammissjoni ta' Brian Godfrey Bartolo, ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali, fejn l-istess Brian Godfrey Bartolo instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' ħames snin, kif ukoll multa ta' €12,000.*

*30. Jirriżulta illi Brian Godfrey Bartolo appella mill-piena lilu inflitta, liema appell ġie lilu miċħud b'sentenza preliminari tat-22 ta' Settembru 2021 u dik finali tal-15 ta' Diċembru 2021.*

*31. Jirriżulta illi mit-8 ta' Marzu 2017, il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' Att ta' Akkuża 17/2015 baqgħu bla data u, sa llum, il-Qorti ma hijiex infurmata jekk il-proċeduri Kriminali ġewx skedati għas-smigħ.*

32. *Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, r-rikorrent qiegħed jillamenta illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', u ċioe' trapass ta' ħdax (11) -il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl- Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta."*

3. Fis-27 ta' Settembru 2021 l-attur fetaħ il-kawża u biha ilmenta dwar id-dewmien fil-kawża kriminali Il-Pulizija v. Charles Paul Muscat, bi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq protett taħt l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħu sabiex jagħlqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat, u cjoe' trapoass ta' 11-il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *2. Tagħti dawk id-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protett mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluż l-għoti ta' danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża"*.

4. Il-konvenuti wieġbu u *inter alia* qalu li kien għad fadlilhom jinstemgħu żewġ xhieda bħala provi tal-prosekuzzjoni. *Inoltre*, id-dewmien mhuwiex irraġonevoli għaliex kien hemm bżonn li jingħalqu l-proċeduri kriminali li kien hemm pendenti kontra dawk ix-xhieda.

5. Bis-sentenza tal-5 ta' April, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Tiddikjara illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet il-Pulizija vs Charles Paul Muscat, u cioe' trapass ta' erbatax-il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *Tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex, sa żmien tliet xhur millum, titlob bil-miktub lill-Qorti Kriminali, sabiex l-att tal-akkuża 17/2015 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta kontra Charles Paul Msucat terġa' tiġi riappuntata biex tinstema' u tiġi deċiża skont il-liġi, fin-nuqqas ta' liema rikjesta, il-Qorti Kriminali għandha tqis illi tali nuqqas huwa ekwivalenti għall-irtirar tal-Att tal-Akkuża 17/2015 fil-konfront tar-rikorrent Charles Paul Muscat, bil-konsegwenza leali kollha illi tali nuqqas jikkomporta"*.

6. Fil-meritu r-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dan:

*"36. Jirriżulta ben ċar, mill-assjem tal-provi, illi filwaqt li l-kawża kriminali kontra Charles Paul Muscat hija waħda serja ħafna u tirrigwarda akkużi li, minn natura tagħhom, jistgħu jkollhom implikazzjoni serji ħafna, b'piena possibli ta' għomru l-ħabs in vista tal-fatt illi, kif irrilevat il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2016, "l-ammont tad-droga involuta f'dan il-każ hu ta' 981.05 grammi resina tal-cannabis b'purita' ta' 8.8%" (fol 323), dana ma jfissirx illi persuna għandha tiġi żvestita mid-dritt illi tingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.*

*37. Hawnhekk, il-Qorti ser tagħmel tagħha r-raġunament magħmul mill-Prim' Awla fil-kawża fuq imsemmija fejn, dwar id-dewmien, għamlet tali konklużjonijiet:*

*Il-prinċipju għandu jkun li 'the rule of law' tgħodd għal kulħadd l-istess.*

*Daqstant ieħor huwa basilari l-prinċipju li l-proċess ġudizzjarju, speċjalment dak penali, fejn favur l-akkużat treġi l-presunzjoni tal-innoċenza, għandu jitmexxa dejjem skont il-liġi, iżda bil-ħeffa li tkun dettata mill-fattispeċi ta` kull każ.*

*Meta mbagħad ikollok każi, bħal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkużati jkun, minn żmien għal żmien, taħt il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`soċjetà` demokratika, bħal ma hija tagħna, l-opinjoni pubblika għandha vuċi qawwija, hemm il-proċess ġudizzjarju għandu jilħaq il-milja tiegħu.*

*Din il-Qorti tisħaq illi fil-każ tal-lum seħħ dewmien inġustifikat mhux raġjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, liema dewmien m`għandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkużati jew lill-Qorti.*

*38. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, mill-11 ta' Ottubru 2012, fuq medda ta' sitta u għoxrin seduta illi saru fuq perjodu ta' ftit aktar minn tlett snin, sa meta inħarġu l-Att tal-Akkuża fil-konfront ta' Mifsud, fit-13 ta' Novembru 2015, f'aktar minn nofs tali seduti,* ***ma sar assolutament xejn****.*

*39. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ulterjorment illi, anke wara illi nħarġet l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali ma ppermettiex lill-Qorti illi tipproċedi bil-kawża bi speditezza, kif huwa opportun f'każijiet ta' tali portata, iżda rabtet idejn il-Qorti Kriminali fejn talbet, permezz ta' rikors ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2017, li x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap tkun tista' tingħata hekk kif il-proċeduri fil-konfront tagħhom jingħalaq, u għalhekk il-proċeduri odjerni kellhom jiġu differiti sine die.*

> *40. Rat illi, fit-8 ta' Marzu 2017, il-Qorti Kriminali ordnat illi "tiddifferixxi l-ġuri sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali tal-Prosekuzzjoni." (fol 372)*
>
> *41. Rat ukoll illi, l-proċeduri fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo ġew magħluqa b'mod finali fit-<u>22 ta' Frar 2021</u> filwaqt illi dawk ta' Marlon Apap ġew magħluqa b'mod finali fis-<u>27 ta' Frar 2023</u>.*
>
> *42. Rat illi, madanakollu, sa llum, aktar minn tlett snin wara illi ngħalqu l-proċeduri kontra Brian Godfrey Bartolo, u aktar minn sena wara illi ngħalqu l-proċeduri fil-konfront ta' Marlon Apap, il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma nbdewx!*
>
> *43. Tosserva illi ma ngħatat ebda raġuni plawsibbli u konkreta 'l għaliex il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti sa issa ma nbdewx, wara illi l-proċeduri kontra ż-żewġ xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni, Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap, kienu ngħalqu definittivament u għalhekk tali xhieda setgħu issa jiġu prodotti bħala xhieda tal-prosekuzzjoni.*
>
> *44. Tosserva illi tali nuqqas huwa imputabbli esklussivament lill-Avukat Ġenerali, illi qiegħda tippersisti illi tirrifjuta li tibda l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, minkejja illi l-Qorti Kriminali kienet saħansitra awtorizzatha sabiex tkun tista' titlob ir-riappuntament tal-kawża, anke b'mod verbali.*
>
> *45. Mill-provi prodotti sa llum, la bl-iskritt u b'wisq anqas mod verbal, ma l-Avukat Ġenerali talbet illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma nbdewx, u għalhekk tali aġir huwa ċar illi qiegħed jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Charles Paul Muscat illi, anke in vista tal-konsegwenzi mediċi illi kellhom fuqu l-proċeduri odjerni, għandu dritt illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu jiġu deċiżi fi żmien raġjonevoli.*
>
> 46. *Għalhekk, jirriżulta ċar illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Charles Paul Muscat qiegħed jiġi leż bl-aġir tal-Avukat Ġenerali illi ma jitlobx ir-riappuntament tal-ġuri illi ġie mibgħut sine die fuq taba tal-Avukat Ġenerali stess.*"

7. B'rikors preżentat fil-11 ta' April, 2024 il-konvenuti appellaw filwaqt li l-attur wieġeb fit-3 ta' Mejju 2024.

8. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, għaliex ressqu provi li filwaqt li l-proċeduri kriminali kontra x-xhud Marlon Apap kienu ngħalqu, kien għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-proċeduri kriminali kontra x-xhud l-ieħor Brian Godfrey Bartolo.

9. Il-Qorti tosserva li:

i. Fis-27 ta' Settembru 2021 l-attur fetaħ il-kawża;
ii. Fis-27 ta' Frar 2023 il-kawża ir-Repubblika ta' Malta v. Marlon Apap kienet deċiża mill-Qorti Kriminali u mis-sentenza ma sarx appell;
iii. Fl-1 ta' Frar 2021 il-kawża ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo (15/2015) kienet deċiża mill-Qorti Kriminali. Bartolo appella u fil-5 ta' Marzu 2025 l-appell kien deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

10. B'hekk illum m'għadx hemm ostakolu li jsir il-ġuri tal-attur.

11. L-Ewwel Qorti qalet li l-proċeduri kriminali kontra Bartolo *"41… ġew magħluqa b'mod finali fis-27 ta' Frar 2023"*. Però fil-parti fejn irrakkontat il-fatti, qalet li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza finali fil-15 ta' Diċembru 2021 (para 30). Evidentement, l-Ewwel Qorti ħadet żball fid-dati.

12. Il-provi juru li fid-data li ngħatat is-sentenza appellata, l-appell ta' Bartolo kien għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Tant hu hekk li b'digriet mogħti fil-15 ta' Diċembru 2021 (fol. 810) dik il-qorti ordnat referenza kostituzzjonali. Kwistjoni li nqatgħet finalment b'sentenza li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Mejju 2024. Però li ma qalux il-konvenuti hu li Bartolo ma kienx appella mid-dikjarazzjoni ta' ħtija. Anzi fir-rikors tal-appell, preżentat fis-16 ta' Frar 2021, Bartolo talab li l-Qorti tikkonferma l-ħtija tal-akkużi kollha. Li ried Bartolo hu li l-Qorti tordna li l-att tal-akkuża 15/2015 jingħaqad mal-att ta' akkuża numru 14/2015 u li jingħata piena inqas minn dik li imponiet il-Qorti Kriminali fis-sentenza tal-1 ta' Frar 2021. Għalhekk, il-Qorti mhijiex konvinta li f'dak l-istadju Bartolo ma kienx f'pożizzjoni li jixhed fil-ġuri tal-attur, ġialadarba huwa kien ammetta l-akkużi kollha u l-parti tas-sentenza dwar ħtija kienet ġudikat għaliex m'appellax minnha.

13. Il-Qorti tqis li hu ferm rilevanti l-fatt li l-attur ilu li tressaq il-Qorti sa mid-29 ta' Jannar 2011. Jiġifieri iktar minn erbatax-il sena u għad irid isir il-ġuri. Rilevanti wkoll li l-proċeduri kriminali kontra Apap u Bartolo nbdew fl-istess żmien li l-attur tressaq il-Qorti. Mill-provi ma rriżultax x'kien qiegħed iwassal għad-dewmien fil-proċeduri ta' Apap u Bartolo, matul dawk is-snin kollha. Apparti li hu fatt magħruf li fl-istadju tal-

kumpilazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja m'għandhiex l-awtorità li tagħlaq l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni fejn tkun tal-fehma li għaddej iż-żmien u mhuwiex isir progress. L-att tal-akkuża kontra Apap (6/2017) ħareġ biss fis-sena 2017 u kien biss fis-27 ta' Frar 2023 li ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali, filwaqt li kontra Bartolo l-att tal-akkuża (15/2015) ħareġ fis-sena 2015 u kien fl-1 ta' Frar 2021 li ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali. Ma jirriżultax mill-provi r-raġuni għal dak id-dewmien kollu. Dewmien li ovvjament kellu effett ukoll fuq il-każ tal-attur.

14. Fiċ-ċirkostanzi, l-argument tal-attur li ma kienx hemm dewmien fil-kawża kriminali tal-attur għaliex il-każ ta' Bartolo kien għadu pendenti, ma jreġix. Għalkemm l-appell ta' Bartolo kien għadu pendenti u kien biss fil-5 ta' Marzu 2025 li nqata', rajna kif dak l-appell ma kienx jikkonċerna l-kap tas-sentenza li ddikjarat ħati tal-akkużi li saru kontrih. Għalhekk, din il-Qorti ma tarax li kien hemm ostakolu sabiex Bartolo jixhed fil-ġuri tal-attur kieku sar f'dak iż-żmien.

15. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-konvenuti li fil-każ tal-attur ma kienx hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

16. <u>Fit-tieni aggravju</u> l-konvenuti argumentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. F'dan ir-rigward għamlu referenza għall-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, l-aġir tal-akkużat. Jinsistu li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda dewmien mhux raġonevoli għaliex kien hemm bżonn li jiġu deċiżi l-kawżi kriminali kontra Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo. Komplew li l-Avukat Ġenerali ma setax iġiegħel lil dawn it-tnejn min-nies sabiex jixhdu qabel il-kawżi tagħhom jinqatgħu.

17. Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-Qorti tirreferi *mutatis mutandis* għar-raġunament li għamlet fir-rigward tal-ewwel aggravju u m'għandhiex x'iżżid, irrispettivament minn kemm hu importanti li Apap u Bartolo jixhdu fil-ġuri tal-attur. Għalkemm il-konvenuti argumentaw li hemm bżonn li jiġu mħarsa l-interessi tas-soċjetà ġenerali meta tqis li l-każ jitratta dwar assoċjazzjoni ta' persuni sabiex jittraffikaw id-droga, il-fatt jibqa' li altru milli kien hemm dewmien. Għalkemm il-konvenuti għamlu wkoll referenza għall-kumplessità tal-każ, il-Qorti mhijiex konvinta li dan kien każ kumpless li kien jeħtieġ dan id-dewmien kollu.

18. <u>Fit-tielet aggravju</u> l-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex sa żmien tliet xhur jitlob bil-miktub

lill-Qorti Kriminali sabiex tappunta l-ġuri (att tal-akkuża 17/2015), u li fin-nuqqas il-Qorti Kriminali għandha tqis li l-att ta’ akkuża ġie rtirat.

19. *In vista* tal-iżvilupp li seħħ fil-mori tal-appell, dik il-parti tas-sentenza appellata ser tiġi revokata. Wara li din is-sena l-każ ta’ Bartolo ġie deċiż, m’għadx hemm ostakolu sabiex il-Qorti Kriminali tappunta l-ġuri għas-smigħ.

20. Ir-raba’ aggravju hu dwar il-kap tal-ispejjeż. Il-konvenuti argumentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li l-kawża kriminali kontra Bartolo kienet ilha li ntemmet tliet snin u l-Avukat Ġenerali baqa’ ma talabx li l-ġuri jiġi riappuntat.

21. Kif diġà spjegat hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi li f’dan il-każ kien hemm dewmien mhux raġonevoli. Għalhekk, l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom ikunu a karigu tal-intimati.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba’ aggravji. Fir-rigward tat-tielet aggravju tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li taqra hekk:

> *"Tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex, sa żmien tliet xhur millum, titlob bil-miktub lill-Qorti Kriminali, sabiex l-att tal-akkuża 17/2015 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta kontra Charles Paul Msucat terġa' tiġi riappuntata biex tinstema' u tiġi deċiża skont il-liġi, fin-nuqqas ta' liema rikjesta, il-Qorti Kriminali għandha tqis illi tali nuqqas huwa ekwivalenti għall-irtirar tal-Att tal-Akkuża 17/2015 fil-konfront tar-rikorrent Charles Paul Muscat, bil-konsegwenza leali kollha illi tali nuqqas jikkomporta".*

Minflok tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti Kriminali li quddiemha hemm pendenti l-atti tal-akkuża 17/2015 issa li m'hemmx ostakolu li jiġi appuntat il-ġuri.

Spejjeż tal-appell a karigu tal-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da